MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 125/2008/1

**Lombard Bank Malta p.l.c.**
**v.**
**Xavier sive Saviour Micallef**

1. Dan huwa appell tal-konvenut minn sentenza mogħtija fit-23 ta’ April 2010 mill-Qorti tal-Maġistrati, Għawdex, Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali, li ikkundannatu jrodd lill-attriċi l-bilanċ ta’ self flimkien ma’ mgħaxijiet u spejjeż.

2. Is-soċjetà attriċi kienet talbet illi l-qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas għoxrin elf, tliet mija u tmienja u sittin euro u disgħa u sittin euro centezmi (€20,368.69), bilanċ dovut taħt faċilità ta’ self, flimkien mal-imgħaxijiet mit-13 ta’ Marzu 2008 u l-ispejjeż. Il-konvenut ressaq l-

eċċezzjoni (i) illi s-self kien għal erba' snin li minnhom kienet għaddiet biss sena u nofs; (ii) illi s-somma mitluba hija wisq; u (iii) illi r-rata ta' mgħax ukoll hija wisq.

3. Bis-sentenza tat-23 ta' April 2010 li minnha sar l-appell l-ewwel qorti laqgħet it-talbiet tal-attriċi wara li dakinhar "innutat illi fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2010 ġew ippreżentati kapitoli għas-subizzjoni fil-konfront tal-konvenut peress li dan naqas illi jattendi għal dik is-seduta. Innutat ukoll illi l-istess konvenut naqas illi jattendi għall-udjenza tal-lum ukoll, u għalhekk infetħu l-kapitoli, li ġew dikjarati ammessi".

4. B'rikors tal-11 ta' Mejju 2010 il-konvenut appella minn dik is-sentenza. L-aggravji qegħdin jinġiebu hawn *verbatim*:

"Illi fil-mument li l-istess konvenut ġie notifikat b'dana l-avviż huwa daħħal in-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu u wera biċ-ċar l-intenzjoni tiegħu illi jikkontesta dina l-istess kawża;

"Illi l-istess konvenut ma setax jattendi għas-seduta tat-23 ta' April 2010, u dana hekk kif verbalizzat mill-avukat difensur tal-konvenut stess li kien preżenti għall-istess seduta u dana *stante* li l-istess konvenut kellu jieħu ħsieb ħuh li kien jinsab marid – dana skond ċertifikat mediku li jinsab hawn anness u markat dokument A;

"Illi l-konvenut appellant talab permezz tal-avukat difensur tiegħu differiment u di fatti l-istess avukat difensur spjega dettaljatament ir-raġuni għaliex l-istess konvenut ma setax jattendi għal dik l-istess seduta;

"Illi l-ewwel onorabbli qorti però rriteniet illi ma għandhiex tikkonċedi dana l-istess differiment u fis-seduta tat-23 ta' April 2010 hija għaddiet sabiex tagħti s-sentenza tagħha u dana mingħajr ma semgħet ix-xiehda tal-istess konvenut u tax-xhieda tiegħu;

"Illi l-konvenut appellant umilment jissottometti illi dana huwa oltraġġ serju għall-prinċipju fundamentalli ta' *audi interam partem* u dana *stante* illi l-ewwel onorabbli qorti għazlet illi:

"- il-konvenut appellant għalhekk qatt ma ngħata l-opportunità li jagħmel kontro-eżami tar-rappreżentanti tal-*Lombard Bank Ltd*;

"- l-istess onorabbli qorti qatt ma kkonċediet l-opportunità lill-konvenut sabiex huwa jkun jista' jressaq il-

provi tiegħu u dana minkejja l-fatt li l-istess konvenut kien informa lill-qorti *tramite* l-avukat tiegħu li minħabba raġunijiet ta' mard fil-familja huwa ma setax jattendi fid-data tat-23 t'April u għalhekk talab differiment."

5. Is-soċjetà attriċi wieġbet fid-9 ta' Ġunju 2010 u fissret għala, fil-fehma tagħha, l-appell għandu jiġi miċħud.

6. Il-fatti relevanti għall-meritu ta' dan l-appell huma dawn:

7. wara li ngħalqu l-proċeduri bil-miktub il-kawża nstemgħet għall-ewwel darba fl-24 ta' Marzu 2009. Dakinkar deher rappreżentant tas-soċjetà attriċi u l-avukat tagħha; għall-konvenut ma deher ħadd. Fuq talba tal-attriċi l-kawża tħalliet għat-22 ta' Mejju 2009;

8. fit-22 ta' Mejju 2009 xehed rappreżentant tas-soċjetà attriċi. Il-konvenut ma deherx. Deher l-avukat tal-konvenut iżda ma għamilx kontro-eżemi tax-xhud tal-attriċi, għalkemm għamel riżerva għalhekk. Il-kawża tħalliet għall-15 ta' Jannar 2010 "għal kontinwazzjoni";

9. fil-15 ta' Jannar 2010 reġa' deher ir-rappreżentant tal-attriċi u l-avukat tagħha; il-konvenut għal darba oħra ma deherx u lanqas deher l-avukat tiegħu. Ir-rappreżentant tal-attriċi reġa' xehed biex "jiċċara parti mid-depożizzjoni tiegħu tat-22 ta' Mejju 2009" u ippreżenta xi dokumenti. L-attriċi iddikjarat li ma għandhiex aktar xiehda u ippreżentat kapitoli għas-subizzjoni tal-konvenut. Il-kawża tħalliet għat-23 ta' April 2010 "għas-subizzjoni tal-konvenut u għall-provi kollha tal-konvenut";

10. fit-23 ta' April 2010 reġa' deher ir-rappreżentant tal-attriċi u dehru wkoll l-avukati tal-partijiet; il-konvenut reġa' ma deherx. L-avukat tal-konvenut iddikjara "li l-konvenut ikkomunika miegħu u infurmah illi ħtieġlu jwassal ill ħuh Ġorġ għal operazzjoni ġo sptar f'Malta, u li għalhekk kien impossibbli għalih sabiex jattendi". L-avukat tal-konvenut talbet illi l-kawża titħalla għas-sentenza billi la nġiebet prova ta' dak dikjarat mill-avukat tal-konvenut u lanqas ma sar rikors għal differiment fi żmien utli. Infetħu l-kapitoli, li tqiesu mistqarra, u ngħatat is-sentenza.

11. Il-konvenut issa qiegħed jappella minn din is-sentenza u flimkien mar-rikors tal-appell ippreżenta ċertifikat mediku, iffirmat mit-Tabib Martin Cutajar li iżda

ma wettaqx iċ-ċertifikat bil-ġurament, bid-data tat-23 ta' April 2010, li jgħid illi "*Saver Micallef … is under my professional care. Mr Micallef's brother, George, is ill today and is being looked after by Saver. In view of the above Mr Micallef will be unable to attend Law Courts today*".

12. Fil-fehma ta' din il-qorti l-*iter* tal-kawża juri biċ-ċar kemm huwa fieragħ l-appell tal-konvenut.

13. Il-konvenut qatt ma deher għas-smigħ tal-kawża. Kellu opportunità aktar minn darba, kieku deher flimkien mal-avukat tiegħu, illi jressaq ix-xiehda tiegħu u jagħmel kontro-eżami tax-xhud tal-attriċi. Jidher, iżda, li l-ħsieb tal-konvenut ma kienx dak, u xejn ma għandu mis-sewwa dak li jingħad fir-rikors tal-appell illi l-konvenut "qatt ma ngħata l-opportunità li jagħmel kontro-eżami" u illi "qorti qatt ma kkonċediet l-opportunità lill-konvenut sabiex huwa jkun jista' jressaq il-provi tiegħu".

14. Iċ-ċertifikat mediku, għalkemm mhux imwettaq bil-ġurament u għalhekk ftit li xejn jiswa bħala xiehda, igiddeb dak li irrapporta l-avukat tal-konvenut fit-23 ta' April 2010. Iċ-ċertifikat igħid illi Ġorġ Micallef, ħu l-konvenut Saver, kien sempliċement "*ill today*" u mhux li ħtieġlu jiġi Malta għal operazzjoni. Ma jingħad xejn dwar x'kellu Ġorġ Micallef u kemm tassew kien jeħtieġ kura kontinwa. Li kieku kien hemm xi verità fir-raġuni miġjuba mill-konvenut għala għal darba oħra ma deherx, iċ-ċertifikat kien ikun maħluf, kien jagħti t-tagħrif kollu meħtieġ u kien jinġieb quddiem il-qorti tempestivament flimkien ma' rikors b'talba għal differiment. Jekk tassew ħu l-konvenut kellu jinġieb Malta għal operazzjoni l-konvenut dan ma kienx isir jafu dakinhar stess, u għalhekk rikors għal differiment kien jagħmlu qabel, u mhux it-talba jagħmilha bil-fomm l-avukat dakinhar stess tas-seduta.

15. Minkejja dan kollu, fir-rikors tal-appell il-konvenut xorta ħass li kellu jgħid illi "l-avukat difensur spjega dettaljatament ir-raġuni għaliex l-istess konvenut ma setax jattendi għal dik l-istess seduta"; xorta ħass li seta' jkompli bi storja mgiddba u li seta' mingħalih ikompli jitfa' l-bżar f'għajnejn il-qorti. L-"oltraġġ" imsemmi mill-konvenut fir-rikors tal-appell tiegħu ma sarx mill-ewwel qorti lill-prinċipju *audi alteram partem* iżda l-oltraġġ sar mill-konvenut lill-proċess ġudizzjarju.

16. Dan kollu juri kemm dak li ngħad min-naħa tal-konvenut fit-23 ta' April 2010 kien biss tentativ biex ikompli jtawwal iż-żmien u jevadi l-proċess ġudizzjarju, biex ma ngħidux ukoll tentativ li jqarraq bil-qorti.

17. L-istitut tal-kapitoli għas-subizzjoni huwa maħsub bħala rimedju għal parti li tkun trid tressaq lill-kontro-parti għas-subizzjoni meta dik il-kontro-parti għal aktar minn darba tfittex li tevadi li tixhed billi ma tidhirx. Huwa rimedju leġittimu għal min ifittex il-ħaqq u s-sewwa bil-proċess ġudizzjarju kontra min ifittex li jinħeba u jevadi.

18. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż tal-appell. Ukoll, billi hija tal-fehma illi l-appell kien wieħed fieragħ, u biex tagħmilha ċara illi ma tittolerax strataġemmi maħsuba biex jevadu l-proċess ġudizzjarju, biex jaħlu ż-żmien u biex ma jħallux illi l-ġustizzja ssir fi żmien xieraq, il-qorti wara li rat il-para. 10(1) tat-Tariffa A mehmuża mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tikkundanna lill-konvenut iħallas lir-reġistratur spejjeż addizzjonali ta' sitt mija u ħamsin euro (€650).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------